MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 160/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazzareno Abela**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nazzareno Abela, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 373250(M), tali nhar il-5 ta’ Jannar tas-sena 2007 u/jew fil-jiem ta’ qabel din id-data, waqt li kien qieghed gewwa San Gwann, Malta, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew li jesegwixxi xi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Maria Stella Abela fil-pussess ta’ hwejjigha jew b’xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' April, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Nazzareno Abela hati u kkundannatu ghal piena ta' tlett (3) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Nazzareno Abela, minnu prezentat fit-22 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2007; Semghet lil Maria Stella Abela ukoll illum bil-gurament; Ikkunsidrat;

Dan hu kaz ta' *ragion fattasi*. Fiz-zmien inkriminat l-appellant, li jinsab fi proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni minn ma' martu, fuq il-pretest – u din il-Qorti tenfasizza li ghaliha, bhalma certament kien anke ghall-ewwel qorti, dan kien semplici pretest ghax ma ngabu ebda provi konkreti fir-rigward – li kien jibza' mill-*boyfriend* ta' martu, huwa qabad u biddel is-serratura tad-dar matrimonjali b'mod li cahhad lil martu mill-access ghall-imsemmija dar mill-bidu ta' din is-sena sa ftit wara li beda jinstema' dana l-appell. Meta quddiem l-ewwel qorti (kif jirrizulta mill-istess rikors ta' appell) huwa fisser li ma kienx lest li jaghti kopja tac-cavetta lil martu, dik il-qorti, wara li ddikjaratu hati, ikkundannatu l-massimu tal-piena karcerarja possibbli ghal kazijiet ta' *ragion fattasi* u cioe` tliet xhur prigunerija.

Tnehhi l-hafna paroli zejda fir-rikors ta' appell, l-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li hu ma kellux jinstab hati taht l-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali ghax ma kienx hemm l-intenzjoni rikjesta mill-ligi ghal dan ir-reat. Dana l-aggravju hu manifestament infondat. Anke jekk verament l-appellant kien qed jibza mill-*boyfriend* ta' martu, ir-rimedju li kellu ma kienx li jcahhad lil martu mid-dar matrimonjali. Jekk verament kullma ried jaghmel kien li *"…ikun jista' jorqod bil-lejl minghajr il-biza' li hajtu u/jew sahhtu jkunu fil-*

*perikolu"* [1], seta' jiehu mizuri semplici ta' sigurta` minghajr ma jcahhad lil martu mid-dritt ghal darha, per ezempju, billi bil-lejl isakkar bl-istanga u jhalli li martu jkollha c-cempel, u hu jkun jista' jiftah meta jara li hija tkun wahedha jew, ghall-anqas, mhux mal-persuna li hu qed jghid li kien jibza' minnha. Bil-mod kif agixxa l-appellant spicca li anke meta huwa jkun fuq ix-xoghol, martu ma setghetx liberament tidhol gewwa d-dar, kif kehllha kull dritt li taghmel. Kuntrarjament ghal dak li qed jipprova jissottometti l-appellant, hawn ghandna l-kaz klassiku ta' *ragion fattasi* – l-appellant ippretenda li huwa kellu dritt jaghmel dak li ghamel u jcahhad lil martu mid-dar meta effettivament ma kellu ebda dritt li jaghmel hekk, b'mod li effettivament gie li ha l-ligi f'idejh flok ma rrikorra ghall-awtorita` pubblika. Ghalxejn l-appellant jipprova jilmenta li l-ewwel qorti bhal speci ma riditx tisma' l-ispjegazzjoni tieghu ghala kien biddel is-serratura – gustament l-ewwel qorti ma nhlietx tisma' stejjer li kienu rrelevanti ghall-meritu tal-imputazzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. L-appellant isemmi diversi kawzi, skond hu "simili", fejn ghall-istess reat inghatat jew sentenza ta' prigunerija sospiza jew *conditional discharge*. Issa, apparti li, kif inhu risaput, huwa odjuz, in tema ta' piena, li wiehed iqabbel kaz ma' iehor ghax ebda zewg kazijiet ma jkunu identici, din il-Qorti tara li l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tapplika piena karcerarja b'effett immedjat. Kif diga` gie osservat, sa meta mart l-appellant xehdet quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2007, hija kienet ghadha pprivata mill-access ghal darha. L-esperjenza tal-Qorti tal-Magistrati, kif saggament presjeduta, kienet tindika li dan kien kaz ta' prigunerija ghax xejn, ghajr dik il-piena, ma kien ser jikkonvinci lill-appellant biex jirrimedja ghall-ispoll minnu kommess. Effettivament fil-mori ta' dana l-appell, izda wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, giet prezentata dikjarazzjoni guramentata ta' mart l-appellant li fiha ddikjarat li hija kienet irceviet kopja tac-cavetta u li b'din ic-cavetta issa hija bdiet taccedi ghal god-dar. In

[1] Ara r-raba' pagna tar-rikors ta' appell.

vista ta’ dan l-izvilupp – u din il-Qorti taghmilha cara li huwa biss in vista ta’ dan l-izvilupp, ghax altrimenti l-piena erogata mill-ewwel qorti kienet wahda gusta minn kull aspett – din il-Qorti tara li, ghal din id-darba biss, hemm lok ghal temperament fil-piena. Ghalhekk, minflok piena karcerarja, din il-Qorti ser tinfliggi l-piena (minuri) pekunjarja, pero` fil-massimu taghha.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjoni kif dedotta, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu tlett xhur prigunerija u minflok, wara li rat il-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 85 u l-Artikolu 11(1) tal-Kap. 9, tikkundannah multa ta’ hames mitt lira (Lm500), konvertibbli f’mitt gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------